**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 129/18 AL

AB
U
CD

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg f'Malta fit-tmintax ta' Dicembru tas-sena elf disa mija, tmienja u disghin (18.12.1998) u miz-zwieg taghhom kellhom tlett (3) itfal mil-liema tfal P sar maggorenni filwaqt li M u N ghadhom minorenni;

Illi l-imsemmija konjugi ilhom jghixu hajja separata legalment il fuq minn erba snin.

Illi l-imsemmija konjugi eventwalment sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, fit-tieni jum ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (02.11.2010) – Dokument hawn anness u mmarkat Dok. "A".

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejnithom..

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi ir-rikorrenti Janice Azzopardi ikkonfermat ir-rikors promotur bil-gurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Martin Dalli;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-2 ta' Novembru 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.